MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 2572/2000/1

**Registratur tal-Qrati.**

**-vs-**

**Joseph Muscat.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Dicembru, 2000 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi fl-10 ta' Dicembru, 1999, John Gatt talab il-hrug tal-mandat ta' qbid numru 5306/99JV kontra Joseph Muscat (dok. "A");

Illi fit-3 ta' Frar, 2000, John Gatt espona b'rikors illi Joseph Muscat kien zamm lill-Marixxall tal-Qorti John Vassallo milli

jesegwixxi il-mandat imsemmi, u talab li jkunu istitwiti proceduri ghall-disprezz lejn l-awtorita’ tal-Qorti kontra Joseph Muscat (dok. “B”);

Illi fit-23 ta’ Frar, 2000, din l-Onorabbli Qorti laqghet it-talba ta’ John Gatt u ordnat lill-attur Registratur tal-Qrati sabiex jistitwixxi proceduri ghad-disprezz tal-Qorti kontra l-konvenut Joseph Muscat (dok. “C”).

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. issibu hati ta’ disprezz kontra l-awtorita taghha skond l-artikolu 997 tal-Kap. 12;

2. tikkundannah ghall-pieni indikati fl-istess artikolu.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li huwa wkoll ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut ipprezentata fis-16 ta’ Frar, 2001 li permezz taghha eccepixxa;

1. Illi preliminarjament in-nullita tac-citazzjoni, stante li din ma gietx prezentata minn wahda mill-persuni ndikata fl-Artikolu 180 tal-Kap. 12.

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, kif ser jirrizulta mill-provi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat is-sentenza tal-1 ta’ April, 2003 illi permezz taghha l-Qorti cahdet l-ewwel eccezjoni tal-konvenut;

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Novembru, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li l-konvenut jigi kkundannat ghal disprezz lejn l-awtorita’ taghha wara li allegatament ostakola l-Marixxal tal-Qorti fl-esekuzzjoni tal-mandat ta’ qbid numru 5306/99 li nhareg mill-Qorti fuq talba ta’ John Gatt.

Mill-atti tal-kawza jirrizulta illi l-imsemmi Gatt kien ottjena l-hrug ta’ mandat ta’ qbid kontra l-konvenut. Fil-15 ta’ Dicembru, 1999 l-Marixxal John Vassallo mar jesegwixxi l-mandat u skond ir-riferta tieghu l-konvenut insista li ma ssirx l-esekuzzjoni minhabba li l-oggetti maqbuda ma kinux tieghu. Madankollu l-mandat gie eventwalment esegwit fi Frar tas-sena 2000.

Fil-fatt fuq talba tas-socjetajiet SA and R Limited, Zoey Limited u ohrajn din il-Qorti diversament preseduta ordnat li numru kbir ta’ oggetti li nqabdu bil-mandat gew liberati stante li kienu proprjeta’ taghhom (Sentenza 24 ta’ Gunju, 2004). Kien fuq din il-bazi illi l-konvenut, kif hu stess iddikjara fin-nota tal-eccezzjonijiet tieghu illi waqqaf lill-Marixxal milli jeleva l-oggetti.

Johrog car anke mid-deposizjoni tal-Marixxal Vassallo li huwa ma esgwiex il-mandat meta mar l-ewwel darba u dan bil-fors ghaliex il-konvenut b’xi mod ostakolah milli jesgwixxi fuq l-oggetti minhabba li ma kinux proprjeta’

tieghu. Hawn wiehed irid jghid li minn meta graw il-fatti kienu ghaddew hames snin

izda l-Marixxal ftakar li l-konvenut *kien qisu oggezjona* (fol 58)... Huwa zgur pero' li l-mandat ma giex esegwit dakinhar izda kwazi xahrejn wara.

Illi ghalhekk ma hemmx dubju li l-konvenut hu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti anke jekk fil-fatt kellu ragun jopponi ghall-esekuzzjoni tal-mandat u ghamel l-opposizzjoni tieghu b'mod garbat. Meta jinhareg mandat hemm implicita ordni tal-Qorti li ghandha tigi obduta anke jekk il-persuna li kontra taghha nhareg il-mandat ihoss li l-esekutant ma ghandux ragun u li qed jigi ppersegwitat. Il-mod kif mandat jigi mnehhi kemm kollu jew parzjalment mhux li wiehed iwaqqaf lill-Marixxal jew b'xi mod ifixkel l-esekuzzjoni tieghu izda li jintavola l-procedura apposita quddiem il-Qorti.

Kif infatti gie ritenut fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Registratur tal-Qorti vs Anthony Gauci (11 ta' Lulju, 2001);

"*Skond il-ligi hadd ma jista' jaghmel opposizjoni ghall-esekuzzjoni ta' mandat hlief wara li tkun saret l-esekuzzjoni.*

*Biex issir opposizzjoni illi tamonta ghal disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti ma hux mehtieg li wiehed juza xi vjolenza partikolari jew ikun aggressiv izda bizzejjed li jkun hemm atti li jimpedixxu b'xi mod lill-Marixxal esekutant milli jesegwixxi l-ordni moghti lilu mill-Qorti. Kull forma ta' ostakolu f'dan is-sens iservi ta' opposizjoni ta' l-istess ordni u ghalhekk jammonta ghal disprezz tal-Qorti.*"

Il-Qorti pero' ser tiehu in konsiderazzjoni z-zewg fatturi fuq imsemmija (il-fatt li l-konvenut ma kienx aggressiv b'xi manjiera partikolari u l-fatt li l-Qorti eventwalment taghtu ragun) meta taghti l-piena taghha.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ghal multa ta' hamsin Lira Maltin (Lm50).**

**L-ispejjes tal-kawza jithallsu mill-konvenut.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------